# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 320/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Lawrence Victor Xuereb**

Illum 14 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Lawrence Victor Xuereb**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 360668(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'Marzu tas-sena 2007 u/jew fix-xhur ta' wara f'dawn il-Gżejjer:

1. għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz mill-obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew

ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawżoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza;

3. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi għamel jew ta dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz jew għamel użu minn wieħed minn dawn id-dokumenti;

4. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-1 ta' Ġunju 2016, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-liġi, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu iżda b'applikazzjoni ta' Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta lliberatu bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien tliet (3) snin. B'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat biex iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' sitt mija u seba' Euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€607.77). Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza. Finalment il-Qorti ordnat li d-dokumenti Dok. "IC 4" u "IC 5" li kienu ġew preżentati *animo ritirandi* fl-10 ta' Ottubru 2012 u fl-14 ta' Marzu 2013 jiġu ritornati lir-*Registrar of Companies*, fi ħdan il-*Malta Financial Services Authority*.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2016 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tħassar is-sentenza appellata u minflok tillibera lill-esponent minn kull ħtija u piena."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-1 ta' Ġunju 2016.

Illi l-fatti tal-każ huma relattivament sempliċi b'dan illi l-appellant u Roderick Fenech kienu sħab fin-negozju u kienu joperaw separatament żewġ ħwienet. Ħanut minnhom kien tas-Sliema waqt li l-ħanut l-ieħor kien San Ġiljan. Dawn il-ħwienet kienu jiġu operati taħt il-kumpanija Gelat D'Or Limited.

Illi oriġinarjament kemm Roderick Fenech kif ukoll l-appellant kienu diretturi fil-kumpanija msemmija. Fis-sena 2009 Roderick Fenech induna li ċirka sentejn qabel kienet ġiet ippreżentata l-Form K għand ir-Reġistru tal-Kumpaniji fejn hu kien qed jirriżenja minn direttur, segretarju u rappreżentant legali tal-kumpanija. Fl-atti proċesswali hemm ukoll *Resolution* tal-kumpanija. Meta Roderick Fenech ra l-firem fuq il-formoli huwa ma għarafx il-firma tiegħu u għalhekk għamel rapport.

Illi l-verżjoni tal-appellant hija kemmxejn differenti b'dana illi huwa jallega li fis-sena 2007 il-bank kien wissieh li ma kienx ser jaċċetta li huwa jibqa' jiffirma ċ-ċekkijiet waħdu u li kienu ser jibdew jitolbu li dawn jiġu ffirmati mis-sieħeb tiegħu fin-negozju. Jgħid li l-bank kien qallu li jekk ried jibqa' jiffirma ċ-ċekkijiet waħdu kien ser ikollu jibdel il-*Memorandum and Articles of Association* tal-kumpanija. Jispiċċa billi jgħid li huwa qabbad lill-*accountant* jagħmel it-tibdil neċessarju u mar fil-ħanut ta' Roderick

Fenech. Jgħid li kien akkumpanjat mill-mara u mit-tifel tiegħu u li Fenech qabad u ffirma dawn id-dokumenti.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li f'dan l-istadju tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi din il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu b'dan illi hija tal-fehma li tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel żewġ aggravji flimkien peress li jisgħu jitqiesu bħala li huma konnessi.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni jew interpretazzjoni żbaljata jew inkompleta tal-liġi meta sabitu ħati tal-imputazzjonijiet addebitati lilu. Jgħid li dan huwa evidenti minn ċertu raġunamenti li jirriżultaw fl-istess sentenza illi l-Ewwel Qorti żvestitu mill-benefiċċju tal-innoċenza tiegħu u minflok applikat preżunzjoni ta'

ħtija. Jispjega li huwa evidenti li l-Ewwel Qorti waslet għall-ħtija tiegħu għax fil-fehma tagħha ma kien hemm ħadd li seta' kellu interess iwettaq ir-reati in kwistjoni. Jargumenta li mill-provi rriżulta li ma kien hemm l-ebda falsifikazzjoni u kien l-istess Fenech li kien jiffirma b'mod differenti. Jilmenta li l-Ewwel Qorti ma qisitx dan il-punt.

Illi fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet issib ħtija fil-konfront tiegħu minħabba li kull evidenza li kien hemm kienet ċirkostanzjali u li ma kinitx tipponta lejn l-istess direzzjoni.

Illi din il-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji in eżami billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ottubru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Galea** fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideoloġiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-każ tal-falz materjali d-dokument jiġi ffalsifikat fl-essenza tiegħu, fil-falz ideoloġiku d-dokument ikun ffalsifikat biss fis-sustanza u ċjoè fil-kontenut ideali tiegħu (ara Antolisei, F. Manuale di Diritto Penale – V.VI, n. 2296 – 829). Ikun hemm falsita' materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux ġenwin (jiġifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tiegħu), mentri fil-falz ideoloġiku, għalkemm id-dokument ikun ġenwin *"non é veridico, perché colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero"*. Għall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli għal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta' (Antolisei, F., *op. cit.*, p. 594). S'intendi, b'kitba wieħed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetiċi, iżda tinkludi dawk numeriċi, stenografiċi u anke kriptografiċi, basta li dik il-kitba tesprimi ħsieb li jkun jiftiehem minn kulħadd

> jew minn ċertu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkaniċi, b'mezz indelibbli jew li jista' jitħassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jieħu, imqar temporaneament, il-messaġġ – karta, parċmina, injam, ġebel, ħadid, plastik, etc."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq iċċitat u tagħmlu tagħha b'dan illi ser tappikah għal każ odjern. Din il-Qorti jirriżultalha li l-Ewwel Qorti qieset il-verżjonijiet tax-xiehda mismugħa u b'mod partikolari l-Qorti msemmija għamlet analiżi tax-xiehda li kienet intiża sabiex tikkorrobora l-verżjoni mogħtija mill-appellant u ċioè dik mogħtija minn martu. L-Ewwel Qorti fehmet li l-mara tal-appellant waqt ix-xiehda mogħtija minnha fis-seduta tat-3 ta' Diċembru 2013 (*a fol.* 112 *et seq.*) hija tgħid li l-ftehim li kien iffirma ħuha Roderick Fenech kien intiz biex jippermettilhom imexxu l-ħanut ta' San Ġiljan. Bl-istess mod kif interpretat dan l-Ewwel Qorti, din il-Qorti tqis dan il-kliem bħala riferenza għal *Management Agreement* (Dok. "R" – *a fol.* 26 *et seq.*) li hemm fl-atti proċesswali.

Illi din il-Qorti tinnota li minn analiżi komparattiva li saret mill-espert Dr. Martin Bajada ġie konkluż li l-firem fuq id-dokumenti kkontesati żgur li ma kinux magħmula minn Roderick Fenech. Għalkemm bħal ma jiġri f'ħafna każijiet il-firem jistgħu jvarjaw, l-espert jeskludi b'mod kategoriku li l-firem fuq id-dokumenti tal-2007 saru minn Fenech. Dan ifisser li l-firem fuq dawk id-dokumenti ġew falsifikati kif jgħid Roderick Fenech stess. Dan ixejjen it-teżi tal-appellant li l-firma ikkontestata kienet ta' Roderick Fenech.

Illi minkejja li l-espert Bajada kkonkluda li minn analiżi tal-firma tal-appellant allura imputat ma kienx possibli jigi kkonfermat jew miċħud li l-firem saru minnu, tenut kont ta' dak li ngħad fil-konklużjoni tal-paragrafu preċedenti u tenut kont li hu paċifiku li l-Form K in kwistjoni kienet fil-pussess tal-appellant isegwi għalhekk li l-unika persuna li kellha l-possibilita' materjali li tiffalsifika l-firma kienet l-appellant.

Illi dwar il-fatt li kull ma kien hemm hija evidenza ċirkostanzjali, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija fid-29 ta' Settembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Ronnie Azzopardi** (Numru 305/2016), fejn din il-Qorti qalet hekk:

"1. [...] Tajjeb li jkun osservat is-segwenti kif wisq drabi osservat minn din il-Qorti illi kwantu n-natura tal-prova indizzjarja l-Qrati tagħna jabbraċċjaw dik il-ġurisprudenza li tqis li "**circumstantial evidence is often the best evidence**" (*R vs. Taylor* 21 CRM App R21 ċitat f'**Il-Pulizija vs. Carmelo Busuttil** App. Krim. 6.5.1961 u mħaddan fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Carmelo Ellul Sullivan** App. Krim. 30.10.2001). "**Il-provi indizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' dawn iridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex wieħed jaċċerta ruħu li huma univoċi**" (**Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun** App. Krim. 9.1.1998). Ugwalment ta' importanza hu s-segwenti monitu u kawtela li "**għalkemm il-provi indizzjarji jiġġeneraw ċertu suspett qawwi fil-konfront tal-appellant, is-suspett mhux prova**" (**Il-Pulizija vs. Mark Dimech** App. Krim. 30.4.09). Din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Cyrus Engerer** tat-8 ta' Mejju 2014 fejn il-Qorti għamlet rassenja ġurisprudenzjonali estensiva ta' dan l-aspett tal-prova fis-sistema penali tagħna. Il-Qorti ċċitat a propositu l-insenjament ta' Pollock C.B li tista' tgħid jiġbor fih l-ingredjenti essenzjali għall-evalwazzjoni tal-prova indizzjarja b'tixbiha verament idonea meta jgħid:

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence*

*– there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of".* U hawn fejn tabilħaqq jista' jkun li l-Ewwel Qorti kienet konvinta mod ieħor meta qieset il-prova indizzjarja bħala ħolqa minn katina, għaliex tinkiser il-ħolqa jfisser li jaqgħu l-provi kollha, meta kien ikun aktar idoneu li jkun kontemplat l-eżempju tal-ħabel maljat kif deskritt *supra*.

2. Fis-sentenza appena ċitata, il-Qorti ġabret dan kollu f'paragrafu wieħed b'mod eċċezzjonali bis-segwenti bran:

*"Kwindi jidher ċar mill-każistika imsemmija kif ukoll minn din il-kwotazzjoni li biex wieħed jasal li jikkonkludi li l-provi ċirkostanzjali huma univoċi wieħed irid jara l-assjem ta' dawn iċ-ċirkostanzi miġjuba bħala prova u li dan il-konvinċiment morali huwa wieħed ibbażat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni taċ-ċertezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. In oltre il-konklużjoni biex tkun univoka mhux neċessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlaħaq iżda trid tkun l-unika waħda li tista' twassal għal ħtija b'mod raġonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem ieħor jekk jinħoloq dubbju dwar l-univoċita' tal-provi ċirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wieħed raġonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bażi tan-nuqqas ta' univoċita'.""*

Illi filwaqt li din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq iċċitat hija tagħmel riferenza għal dak li ngħad aktar 'il fuq b'dan illi hija ma taqbilx ma' dak li jgħid l-appellant u ċioè li l-evidenza ċirkostanzjali kienet qed tipponta lejn direzzjonijiet differenti. Fil-fatt l-Ewwel Qorti meta kkunsidrat il-verżjonijiet mogħtija rabtet ix-xiehda tal-mara tal-appellant mal-*Management Agreement* u mhux mal-Form K. Skartata din il-prova, il-provi l-oħra kollha jikkonkludu li l-firma kontestata kienet iffalsifikata u li l-provi

ċirkostanzjali ta' min wettaq ir-reat kollha jippuntaw lejn direzzjoni waħda u ċioè lejn l-appellant. Għaldaqstant l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u b'konsegwenza ta' hekk l-ewwel u t-tieni aggravji qed ikunu miċħuda.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tielet aggravju l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta mponiet fuqu l-ħlas tal-ispejjeż peritali u dan għaliex ir-rapport tal-espert kien wieħed inkonklussiv kif qalet l-imsemmija Qorti.

Illi din il-Qorti tinnota li minkejja li l-Ewwel Qorti ddeskriviet ir-rapport ta' Dr. Martin Bajada bħala inkonklussiv, pero' minn qari ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta li l-Ewwel Qorti kellha tikkundanna lill-appellant allura imputat għall-ispejjeż tar-rapport in kwistjoni u dana stante li l-appellant allura imputat instab ħati minnha, liema ħtija ġiet konfermata minn din il-Qorti kif hawn fuq imsemmi. Għaldaqstant anke l-aggravju in eżami qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi għal kull buon fini jingħad li waqt is-sottomissjonijiet finali li nstemgħu quddiem din il-Qorti l-konsulent legali tal-appellant talab li jkun hemm temperament fil-piena fis-sens li jekk jinstab ħati jiġi applikat Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta pero' li jkun liberat mingħajr kundizzjoni. Filwaqt li din il-Qorti tinnota li din it-talba ma hijiex riflessa fir-Rikors tal-appell tal-appellant u għal din ir-raġuni biss din il-Qorti tkun ġustifikata li tiċħadha, pero' fl-istess waqt din il-Qorti xorta waħda ma kinitx tara li tressqet xi raġuni valida sabiex il-piena erogata mill-Ewwel Qorti tiġi varjata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Lawrence Victor Xuereb u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**